Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11640/26

CDR 125

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar żewġ membri u żewġ membri supplenti, proposti mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, fil-Kumitat tar-Reġjuni |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL(UE) 2026/...**

**ta' …**

**li taħtar żewġ membri**
**u żewġ membri supplenti,**
**proposti mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu,**
**fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[1],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Lussemburgiż,

[1] ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13 (ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj).

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71[2], li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Alexandre DONNERSBACH u għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġiet proposta għall-ħatra s-Sa Natalie SILVA saru vakanti żewġ siġġijiet ta' membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Ricardo MARQUES u għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġiet proposta għall-ħatra s-Sa Linda GAASCH saru vakanti żewġ siġġijiet ta' membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Il-Gvern Lussemburgiż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030: Is-Sur Philippe GENGLER, *Membre du Conseil communal de la Commune de Lenningen* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Lenningen), u s-Sa Annie NICKELS-THEIS, *Membre du Conseil communal de la Commune de Bourscheid* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Bourscheid).

---

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj).

(6) Il-Gvern Lussemburgiż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030: Is-Sa Jessie THILL, *Membre du Conseil communal de la Commune de Walferdange* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Walferdange), u s-Sur Marc Michel Marguerite Charles URY, *Membre du Conseil communal de la Commune de Grevenmacher* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Grevenmacher),

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030:

(a) bħala membri:

– Is-Sur Philippe GENGLER, *Membre du Conseil communal de la Commune de Lenningen* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Lenningen),

– Is-Sa Annie NICKELS-THEIS, *Membre du Conseil communal de la Commune de Lenningen* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Lenningen),

u

(b) bħala membri supplenti:

– Is-Sa Jessie THILL, *Membre du Conseil communal de la Commune de Lenningen* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Lenningen),

– Is-Sur Marc Michel Marguerite Charles URY, *Membre du Conseil communal de la Commune de Grevenmacher* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Grevenmacher).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*